**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 20 ta' Novembru 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Owen Xerri**

Kumpilazzjoni nru. 764/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Owen Xerri**, iben Diane-Speranza Xerri, imwieled Malta nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0161303L

Akkużat talli, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) minn ġewwa l-istabbilment Candy Queens ġewwa Daniel's Shopping Complex ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' *vapes* u oġġetti oħra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l- elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Adrian Gatt u Darren Xuereb u/jew ta' xi persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;
2. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien misjub ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-imputat id-disposizzjonijiet tal-artikoli 15A, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi.

Rat illi waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2024 l-imputat debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, wieġeb li huwa ħati għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur

tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem, bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkonsidrat;**
Il-Qorti rat il-*pre-sentencing report* redat mill-Uffiċjal tal-Probation Ritienne Sultana Grech, li tissuġerixxi li l-imputat għandu jingħata piena ta' priġunerija effettiva kombinata ma' Ordni ta' Trattament sabiex ikun hemm superviżjoni minn uffiċjal tal-probation u l-imputat ikollu l-għajnuna neċessarja fir-rigward tal-problema ta' saħħa mentali u problema tad-droga. Mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation u r-rapport redat minnha jirriżulta illi huwa l-imputat stess li jħoss li għandu jingħata piena karċerarja effettiva sabiex ikollu opportunita li jirrifletti fuq ħajtu u l-futur tiegħu u jnaqqas ir-riskju li jerġa juża d-droga u jmur lura fit-triq tal-kriminalita. L-Uffiċjal tal-Probation spjegat illi l-imputat kellu tfulija diffiċli għaliex kien vittma ta' vjolenza domestika ipperpetrata minn ommu li wasslet sabiex l-imputat iqatta` perjodi fl-istitut. Qalet illi l-imputat għandu problema ta' saħħa mentali u problema ta' droga, u m'għandux support mill-familja tiegħu. Jirriżulta wkoll mir-rapport u x-xhieda illi l-imputat għandu problema ta' impulsivita u għalhekk għandu bżonn ta' għajnuna biex jikkontrolla l-impulsivita tiegħu. Fis-sottomissjonijiet finali tagħhom dwar il-piena iż-żewġ partijiet qablu illi l-piena suġġerita fil-*pre-sentencing report* hija l-aktar waħda idonea fiċ-ċirkostanzi. Id-difiża talbet illi l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat huwa persuna ta' eta żgħira li għandu bżonn l-għajnuna, u li l-imputat stess għaraf dan u jixtieq li jaqbad it-triq it-tajba u jibda jgħix ħajja stabbli l-bogħod mill-kriminalita, u jipprepara ruħu biex jibda program ta' droga residenzjali.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti taqbel li l-iktar piena idonea fiċ-ċirkostanzi hija piena karċerarja effettiva abbinata ma' Ordni ta' Trattament. B'hekk l-imputat ikun qiegħed f'ambjent kontrollat fil-fażi inizjali tar-riabilitazzjoni tiegħu u bl-għajnuna ta' professjonisti idoneji jkun jista' jipprepara ruħu tajjeb sabiex jagħmel program residenzjali biex jegħleb il-vizzju ta' droga. Bil-kontinwata superviżjoni tal-imputat u għajnuna fir-rigward tal-problemi illi huwa afflitt bihom, il-Qorti tispera li anke wara li l-imputat joħroġ mill-ħabs ikun kapaċi jżomm fit-triq it-tajba, jirreintegra ruħu fis-soċjeta u jgħix ħajja stabbli l-bogħod mid-droga u l-kriminalita.

**Decide**
Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c) 279(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal disa` (9) xhur priġunerija, li minnhom għandu jitnaqqas kwalunke perjodu li l-imputat għamel taħt arrest f'dawn il-proċeduri.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal (2) sentejn, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur